MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 2268/1998/1

**Dianne Azzopardi**

**vs**

**R.D.M. u b'digriet tat-3 ta' Mejju 1999 isem il-kumpanija qed jigi mibdul R.G.M. Trading Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attrici is-somma ta' tmien mija u sebgha Liri Maltin u zewg centezmi (Lm807.02) bilanc ta' somma akbar, rappresentanti paga u allowances, bonus u leave mhux mehud mill-attrici meta kienet impjegata mis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra

ufficjali u cjoe' mid-9 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet moghti fit-3 ta' Mejju 1999 a fol 4 tal-atti kif ukoll in-nota tal-istess attrici a fol 6 ibid u li biha irriduciet it-talba in esami ghal Lm257.02 stante pagamenti li saru fil-mori tal-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta u li biha (fol 7 ibid) eccepiet bir-rispett:-

1) Illi s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attrici stante illi skond dokument datat 13 ta' Lulju, 1998, anness mal-eccezzjonijet u mmarkata Dok IM1, iffirmat mill-attrici, l-istess attrici kienet accettat illi tiehu s-somma ta' Lm657.02 "*in full and final settlement of all wages up to 11th May, 1998"* data ta' l-ahhar jum ta' xoghol ta' l-attrici li kienet giet infurmata f'dan ir-rigward pemezz tad-Dok IM2 wara incident ta' serq li fih l-attrici kienet giet involuta u li ghalih kienet anke giet sospiza.

2) Illi l-attrici, effettivament, irceviet dan l-ammont kif jirrizulta mid-Dok. IM3, IM4, u IM5.

(3) Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tal-istess socjeta' konvenuta (fol 7 u 8 ibid) u li biha wara li ppremettiet illi l-attrici kienet impjegata mas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti fejn kienet tahdem bhala *salesgirl*;

Illi fil-5 ta' April, 1998, ghall-habta tat-3 ta' filghodu waqt is-shift taghha, l-attrici fdat is-safe deposit box li, skond l-istess attrici, kellu madwar Lm250 fi flus kontanti f'idejn certu wiehed Dione Camilleri li ma jahdimx mas-socjeta konvenuta;

Illi dan il-fatt huwa ammess mill-attrici kif jirrizulta mid-Dok IM6 anness man-nota ta’ eccezzjonijiet;

Illi Dione Camilleri, sussegwentement, harab minn Malta bil-flus kontenuti fis-safe deposit box;

Illi, sussegwentement, gie arrestat u qeghdin jittiehdu proceduri kriminali kontrih;

Ili x-xhift ta’ l-attrici kien mit-8 ta’ bil-lejl sat-8 ta’ filghodu;

Illi l-impjegati kollha tas-socjeta’ konvenuta jinghataw istruzzjonijiet biex jiddepozitaw is-safe deposit box personalment u fl-ahhar tax-xhift taghhom u mhux fit-3 ta’ filghodu kif ghamlet l-attrici;

Illi ghalhekk, l-attrici rrendiet ruhha hatja ta’ negligenza grossolana mhux biss ghaliex fdat flus tas-socjeta konvenuta f’idejn barrani izda ukoll ghaliex kisret volontarjament il-procedura stabbilita mill-kumpanija rigward depozitar tas-safe deposit box.

Talbet sabiex l-attrici rikonvenzjonata tghid il-ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex :

(1) tiddikjara illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet ruhha hatja ta’ negligenza grossolana meta fil-5 ta’ April, 1998, ghall-habta tat-3 ta’ filghodu waqt ix-xhift taghha, l-attrici fdat is-safe deposit box li kellu madwar Lm250 fi flus kontanti f’idejn certu wiehed Dione Camilleri; u

(2) bhala konsegwenza, tikkundanna l-attrici tirrifondi lura lis-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta’ Lm250 misruqa lill-istess socjeta’ wara negligenza da parti taghha.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi, kif ukoll id-dokumenti annessi minn fol 10 sa fol 15 tal-atti u markati Dok IM1 sa IM5.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-attrici ghall-istess kontro talba u li biha eccepiet (fol21 ibid):

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' konvenuta huma infondati fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta stante illi l-incident meritu tal-kawza illi sehh fil-5 ta' April 1998, ma garax minhabba t-tort u traskuragni tal-eccipjenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hekk kif imsemmi fil-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, huwa Dione Camilleri il-veru legittimu kontradittur u mhux l-esponenti;

3. Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, hawnhekk, ghandu jinghad, illi, fil-mori ta' din il-kawza, is-socjeta konvenuta, volontarjament irrizolviet li ghandha tigi xjolta u ghal dan il-ghan, kien gie nominat, bhala stralcarju, Michael Sciortino (ara fol 35 u 36 tal-atti) liema procedura ma jidhirx li giet finalizzata. Kif jidher a fol 38 sa 40 ibid, l-avviz in esami, gie notifikat mill-istess stralcarju li, pero', naqas li jidher quddiem din il-Qorti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-<u>meritu</u>, ser jigu kunsiderati is-segwenti:-

a) Permezz ta nota, presentata "seduta stante" u li tinsab a fol 6 tal-atti l-istess attrici rriduciet it-talba taghha ghall-<u>Lm257.02,0</u> stante pagament li saru lilha fil-mori tal-istess kawza.

b) <u>L-attrici</u>, fix-xhieda taghha, (fol 27 u fol 31 et seq ibid) wara li spjegat x'kien l-impjieg taghha mas-socjeta' konvenuta u ir-raguni tat-terminazzjoni tal-istess impjieg, ikkonfermat li ghad hemm dovut lilha, bhala paga u "allowances", l-ammont, kif ridott, ammontanti ghal <u>Lm257.02,0</u>. In rigward, dan, ghandu jinghad li kif jidher a fol 31 u fol 32 tal-istess atti, l-attrici issottomettiet "skeda

ta' danni" ammontanti ghal Lm981.30,0 li, wara li jitnaqqsu il-pagamenti li saru, jsiru Lm581.30,0. Dwar dan, pero', in vista li a) kif hemm specifikat fin-nota ta' riduzzjoni a fol 6 ibid u fix-xhieda tal-attrici a fol 27 ibid, l-istess attrici sostniet li l-ammont li ghadu dovut lilha jammonta ghal Lm257.02,0, din il-Qorti ma' tista' takkolji t-talba attrici vis-à-vis dak specifikat a fol 32 tal-atti. Inoltre fl-avviz in esami ma hemm ebda referenza ghal xi talba li tirreferi ghal danni.

Illi, ghalhekk, l-istess Qorti esaminat dan il-kaz, limitatament biss ghas-somma ta' Lm257.02,0.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, s-socjeta' konvenuta, kemm in rigward l-eccezzjonijiet sottomessi minnha kemm in rigward il-kontro talba proposta ma issottomiettiet <u>ebda prova "viva voce" u guramentata</u> skond il-ligi. In vista ta dan, ma setghux jigu kunsiderati d-dokumenti annessi mal-atti a fol 10 , fol 11 u fol 14 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghandu jigi sottolineat illi s-socjeta' konvenuta, effettivament, marret kontra dak stipulat fil-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 19 et seq in konnessjoni ma protezzjoni ta' pagi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, it-talba attrici kif dedotta mill-avviz in esami u kif ridotta permezz tan-nota a fol 6 ibid ghandha tigi akkolta waqt li l-kontro talba sottomessa mis-socjeta' konvenuta trid tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad il-kontro talba tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attrici kif dedotta u ridotta u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' Lm257.02,0 bl-imghax legali mid-9 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-

ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali imsemmija fl-avviz u notifikata fid-9 ta' Lulju 1998.

--------------------------------TMIEM--------------------------------